

Brussell, 18 ta' Lulju 2016  
(OR. en)

11346/16

ENV 506  
FIN 484  
MAR 201  
AGRI 422  
FSTR 47  
FC 38  
REGIO 59

## EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Lulju 2016
lil:	Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.:	10642/16 ENV 454 FIN 403 MAR 182 AGRI 371 COEST 176 FSTR 34 FC 28 REGIO 41
------------------	---

---

Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 3/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il- ġlieda kontra l-ewtrofikazzjoni fil-Baħar Baltiku: tinħtieġ azzjoni ulterjuri u aktar effettiva" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (18 ta' Lulju 2016)
----------	--

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-[Anness](#) il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 3/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-ġlieda kontra l-ewtrofikazzjoni fil-Baħar Baltiku: tinħtieġ azzjoni ulterjuri u aktar effettiva", adottati mill-Kunsill fit-3481 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Lulju 2016.

**Rapport Speċjali Nru 03/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat  
"Il-ġlieda kontra l-ewtrofikazzjoni fil-Baħar Baltiku: tinħtieġ azzjoni ulterjuri u aktar  
effettiva"**

**- Konklużjonijiet tal-Kunsill -**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD) <sup>1</sup>, fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD) <sup>2</sup>, fid-Direttiva dwar in-Nitrati<sup>3</sup>, fid-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (UWWTD) <sup>4</sup>, fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBSR) u fil-Konvenzjoni ta' Helsinki dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent Marin taż-Żona tal-Baħar Baltiku (HELCOM), li kollha jinkludu dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jilhqqu status ambjentali tajjeb, itejbu l-kwalità tal-ilma u jnaqqsu l-iskariki tan-nutrijenti;

1. JILQA' r-rapport speċjali Nru 03/2016 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri;
2. JINNOTA li l-awditu jkopri tmien Stati Membri li jmissu mal-Baħar Baltiku, li minnhom erbgħa ngħaqdu mal-UE biss fl-2004 (il-Polonja, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja);
3. JINNOTA li f'rapport reċenti <sup>5</sup> ġie stmat li l-potenzjal ekonomiku ta' Baħar Baltiku san b'servizzi tal-ekosistema li jaħdmu joffri 550 000 opportunità ta' xogħol u valur miżjud sa EUR 32 biljun sas-sena 2030;

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

<sup>3</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

<sup>4</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 dwar it-trattament tal-ilma urban mormi (ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40).

<sup>5</sup> "Turning adversity into opportunity - A business plan for the Baltic Sea" [mhux disponibbli bil-Malti] ta' Awwissu 2013, ikkummissjonat mill-WWF.

4. JENFASIZZA li l-ewtrofikazzjoni hi l-problema ambjentali ewlenija għall-Istati kollha maxxtut tal-Baħar Baltiku u JISSOTTOLINJA l-importanza ta' sforzi u miżuri komprensivi mill-pajjiżi kollha li jikkontribwixxu għall-ewtrofikazzjoni tal-Baħar Baltiku sabiex tiġi miġġielda l-ewtrofikazzjoni u tittejjeb il-kwalità tal-ilma fil-Baħar Baltiku;
5. JINNOTA li għalkemm ittieħdu azzjonijiet biex jitnaqqsu l-iskariki tan-nutrijenti u li, b'mod ġenerali, inkiseb tnaqqis fix-xejra ta' skariki ta' nutrijenti mit-tmiem tas-snin tmenin 'l hawn, jinħtieġu aktar miżuri u dawn għandhom jittieħdu fis-snin li ġejjin biex tiġi miġġielda l-ewtrofikazzjoni fil-Baħar Baltiku, inkluż fuq livell reġjonali;
6. JILQA', f'dan il-kuntest, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Baħar Baltiku (BSAP) maqbul fil-qafas tal-HELCOM fl-2007 li jinkludi rekwiżiti proviżorji għat-tnaqqis tal-iskariki tan-nutrijenti maqsumin skont il-pajjiż u li ġie rivedut fl-2013; JINNOTA li l-EUSBSR tal-2009 tikkunsidra dan il-pjan ta' azzjoni;
7. JISSOTTOLINJA li l-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fil-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara (RBMPs) skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma hi essenzjali biex tinkiseb kwalità tal-ilma aħjar; IQIS li l-identifikazzjoni ta' pressjonijiet u impatti u tal-iktar kwistjonijiet sinifikanti rigward il-ġestjoni tal-ilma fl-ewwel pjanijiet ta' mmaniġġjar minn Stati Membri li jmissu mal-Baħar Baltiku kien pass 'il quddiem;
8. JIRRIKONOXXI li l-ewtrofikazzjoni hija problema kumplessa ħafna, ikkawżata minn eċċess ta' nutrijenti minn ħafna sorsi differenti. Sabiex l-ewtrofikazzjoni tal-Baħar Baltiku tiġi indirizzata b'mod effettiv, huwa importanti li jiġi indirizzat l-ispettru kollu tas-sorsi ta' nutrijenti u l-fluss minnhom, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet naturali tal-Baħar Baltiku;

### ***Implimentazzjoni mill-Istati Membri tat-tnaqqis tal-iskariki ta' nutrijenti fil-Baħar Baltiku***

9. JINNOTA li fir-rapport jiġi osservat nuqqas ta' ambizzjoni u ta' indikaturi rigward it-tnaqqis mistenni tan-nutrijenti fl-RBMPs peress li dawn jiffokaw fuq 'miżuri bażiċi' għall-implimentazzjoni ta' direttivi tal-UE b'rabta mal-attivitajiet speċifiċi li jikkawżaw it-tniġġis min-nutrijenti, l-aktar l-ilma urban mormi u l-agrikoltura; JIFHEM li l-miżuri fl-ewwel RBMPs kienu mmirati l-iktar lejn it-tnaqqis tad-diskrepanzi bejn l-erba' Stati Membri li ssieħbu mal-UE fl-2004 u l-Istati Membri l-oħrajn tal-UE u li għalhekk l-enfasi kienet fuq "miżuri bażiċi" għall-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni eżistenti;
10. JAQBEL mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu miżuri u miri għat-tnaqqis tal-ammonti ta' nutrijenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u għat-titjib tal-monitoraġġ tal-ammonti ta' nutrijenti f'baċiri ta' xmajjar u l-iskariki fil-Baħar Baltiku sabiex ikunu jistgħu jieħdu miżuri kosteffettivi sabiex dawn l-ammonti jitnaqqsu fil-futur;

### ***Effettività tal-azzjonijiet għat-tnaqqis tat-tniġġis minn nutrijenti li jinsabu f'ilma urban mormi***

11. JINNOTA li fir-rapport jiġi osservat nuqqas ta' konformità mal-UWWTD; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri biex jtejjbu l-konformità;
12. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jibnu u joperaw l-infrastruttura tal-ilma mormi b'mod kemm jista' jkun effiċjenti, inkluż permezz ta' għajnuna lill-unitajiet domestiċi biex fejn possibbli dawn jiġu konnessi mas-sistemi tad-drenaġġ, u jistabbilixxu standards aktar stretti għan-nutrijenti minn dawk fl-ambitu tal-UWWTD, bħal dawk identifikati fir-Rakkomandazzjoni 28E/5 tal-HELCOM dwar it-trattament tal-ilma mormi muniċipali, għall-effluwenti li jinfdi ġo l-ilmijiet li ma jissodisfawx kondizzjonijiet ta' nutrijenti li huma konsistenti ma' status tajjeb skont id-WFD u l-MSFD;

13. JIRRIKONOXXI li filwaqt li permezz tal-implimentazzjoni kemm tal-UWWTD kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-HELCOM sar progress konsiderevoli, għad hemm lok għal titjib, pereżempju billi jiġu applikati teknoloġiji innovattivi u kosteffettivi għat-tneħħija tal-fosfru mill-ilma mormi u billi jitqiesu l-għanijiet u l-azzjonijiet tal-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari<sup>6</sup>;
14. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi proġetti li għandhom l-għan li jnaqqsu l-ammonti ta' nutrijenti fil-Baħar Baltiku mir-Russja u l-Belarus, meta wieħed iqis l-effett ta' lieva tal-finanzjament tal-UE;

***Effettività tal-azzjonijiet għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma minn nutrijenti agrikoli***

15. JIFHEM it-tfassib tal-Qorti dwar l-ewtrofikazzjoni mill-agrikoltura; JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jindikaw żoni vulnerabbli għan-nitrati li jkunu xierqa, b'mod konsistenti mal-informazzjoni fl-RBMPs;
16. JIRRIKONOXXI d-dipendenzi u l-isfidi reċiproċi bejn kwalità tajba tal-ilma u l-ottimizzazzjoni tal-produttività agrikola u għalhekk il-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn ir-rappreżentanti kemm tas-settur tal-ambjent kif ukoll dak tal-agrikoltura fil-livell nazzjonali u dak tal-UE;
17. JINNOTA li l-Programmi tal-Iżvilupp Rurali huma strument utli għall-Istati Membri biex jappoġġaw miżuri biex titnaqqas it-tniġġija ta' nutrijenti agrikoli;

---

<sup>6</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolat “Sabiex nagħlqu ċ-ċirku — Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ekonomija ċirkolari”, COM(2015) 614 final, dok. 14972/15 + ADD 1.

18. JAQBEL mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri jstabilixxu limiti xierqa għall-użu tal-fosforu fl-agrikoltura fejn hemm ir-riskji, li jstabilixxu l-programmi ta' azzjoni tagħhom dwar in-nitrati abbażi tal-evidenza xjentifika l-aktar reċenti u li japplikaw l-iskemi agroambjentali l-aktar rilevanti rigward it-tniġġis min-nutrijenti u li jżommu fil-mira l-miżuri bl-ogħla impatt fuq it-tnaqqis tal-ammont tan-nutrijenti;

***Il-valur miżjud tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (EUSBSR)***

19. JIRRIKONOXXI li l-EUSBSR għandha l-potenzjal li tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u intersettorjali u l-iżvilupp ta' azzjonijiet biex tiġi miġġielda l-ewtrofikazzjoni;
20. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tiżgura li proġetti immirati fl-ambitu tal-EUSBSR jiffokaw fuq tkabbir sostenibbli fir-reġjun, inkluż permezz ta' sforzi akbar għat-tnaqqis tal-ewtrofikazzjoni u aktar appoġġ għall-komponent "Insalvaw il-Baħar".

=====